Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,633, 2 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 292 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 213 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3, 5, 6 u 7 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju, 2016 'il quddiem.

(2) L-ordinament 4 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Science – Dip. Sc.;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - jew il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – kif xieraq;

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Science – H.Dip. Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - jew għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kif imniżżla hawn taħt:

(a) Banking and Finance: għaddew fil-Matematika Pura (Intermedja);

(b) Bijoloġija: għaddew fil-Bijoloġija (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Kimika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(ċ) Kimika: għaddew fil-Kimika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u jew fil-Fiżika jew fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(d) Computational Physics:

jew għaddew fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar jew Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar jew Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

għad-dħul fil-kors f'Ottubru 2017 jew wara:

għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(e) Xjenza tal-Kompjuter: għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

(f) Matematika: għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

(g) Fiżika:

jew għaddew fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

għad-dħul fil-kors f'Ottubru 2017 jew wara:

għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(h) Statistics and Operations Research:

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad D jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad D jew aħjar).

għad-dħul f'Ottubru 2018 jew wara:

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad D jew aħjar);

(2) L-applikanti li għandhom grad D meta l-grad minimu speċifikat huwa Ċ f'wieħed biss mis-suġġetti meħtieġa, kemm jekk fil-Livell Avvanzat kif ukoll fil-Livell Intermedju, bħala rekwiżiti speċjali għall-kors indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, għandhom jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas fil-kwalifiki. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali.

(3) **Minn Ottubru 2018 'il quddiem**, l-applikanti kollha għandhom jippreżentaw ukoll il-European Computer Driving Licence (ECDL) Standard Certificate, iżda l-applikanti li jidħlu fl-2016 u 2017 jistgħu jippreżentaw l-Istandard Certificate matul l-ewwel sena ta' studju."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafi (5) u (6) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

(6) L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma."

L-Emenda għall-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"12. (1) Fi Programm għal Grad f'żewġ oqsma ta' studju prinċipali, l-istudenti li f'xi taqsima studju, ħlief f'taqsima studju obbligatorja li tkun iddikjarata bħala mhux kumpensabbli fi Programm ta' Studju, jeħlu b'marka ta' mhux anqas minn 35% fit-taqsima u li l-Marka Medja tas-Sena kurrenti fil-Programm ta' Studju għall-Qasam ta' Studju li għalih it-taqsima studju tkun assenjata tkun ta' mhux anqas minn 50%, jingħatalhom il-grad CP (Għadda b'kumpens) u jingħatalhom krettu b'kumpens għat-taqsima u ma jkunux mitluba jerġgħu jiġu valutati.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

(3) L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma, tal-Higher Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bis-snin kollha jingħataw piż ugwali."